Minuti tal-laqgħa numru erbatax (14) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 27 ta' Awwissu, 2025 fil-5.30pm, fl-uffiċċju amministrattiv, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat.

Il-laqgħa kienet posposta għal-llum fuq qbil tal-kunsillieri permezz ta' e-mail.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| Is-Sur Terrence Sant | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u talab lill-kamra tissospendi l-Agenda tagħha biex is-Sur Saviour Baldacchino jagħmel *power point* u jiddiskuti proposta dwar sistema ġdida tal-ilmenti. Il-proposta tiegħu bil-prezz, għad trid tiġi maħduma u mgħoddija lilna.

Il-laqgħa proprja bdiet 18.18pm

14.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija** — Ittri ta' Apoloġija

Ma kienx hemm.

14.02 **Qari, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru tlettax** — Minuti

Il-minuti tas-seduta numru tlettax (13) kienu approvati unanimament wara li saru dawn il-korrezzjonijiet:

- Is-Sur Terrence Grech ma kienx preżenti



Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

- Is-Sur Norbert Grech kien preżenti

13.10 Il-ġita għal-Lourdes ma kienetx approvata

**Punti mil-Minuti**

14.02.01 13.02.01 Intagħżlet il-proposta tas-Sur Joseph Scerri biex jagħmel l-Alto Reliev ta' Emanuele Vitale. Dan kien propost mis-Sur Rudolph Grima li kien issekondat mis-Sur Nazju Cassar u s-Sa Charmaine Balzan. Alto Riliev

14.02.02 Peress li ma kienetx ittieħdet deċiżjoni fis-seduta numru tlettax, kien iċċirkulat lill-kunsillieri mir-Reġjun Punent jekk jippreferux li l-ġbir tal-iskart isirx filgħodu jew inkella filgħaxija. Mil-kunsillieri kollha is-Sur Nazju Cassar ma qabilx li jibqa' jsir il-ġbir filgħodu u jibda' jsir wara nofsinhar. Kien ikkunsidrat illi jekk se jinġabar fil-5:00pm in-nies ma jkunux laħqu ġew mix-xogħol u jibdew joħorġu l-borża tal-iskart xorta filgħodu. Għaldaqstnat kien deċiż li jiġi kkomunikat mar-Reġjun Punent biex nibqgħu kif aħna, bil-ġabra ssir filgħodu. Ġbir ta' skart

14.03 **Ċedola tal-Pagamenti** Skedi tal-pagamenti

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 372 kienet approvata unanimament.

14.04 **Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi** Skeda tax-xiri u x-xogħlijiet

L-iskeda tax-xiri u x-xogħlijiet numru 89 kienet approvata unanimament

14.05 Dan l-item kien ittrattat mhux qabel it-20:00 meta ma kienx hemm l-attendenza tas-Sa Graziella Brincat. Carrying Capacity Study

**Kontinwazzjoni tal-Mozzjoni mressqa mis-Sur Nazju Cassar**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi l-kontenut li qed jintalab biex isir dan l-istudju tal-Carrying Capacity hu diġa kopert fl-istudju li kien wettaq ir-Reġjun Punent b'finanzjament tal-fondi Ċentrali tas-*Social Impact Assessment*. Is-SE qal illi dan is-*Social Impact Assessment* identifika lin-nies tar-Rabat bħala 'dissatisfied' b'45% (l-għola rata) komparat mar-residenti l-oħra li jabitaw fir-Reġjun Punent -  għal diversi raġunijiet.

Kien hemm qbil li jittieħed vot fuq jekk għandux isir l-eżerċizzju tal-*Carrying Capacity*. Il-vot kien jaqra 4 favur u 4 kontra u ttieħed il-*casting vote* biex din il-mozzjoni m'għaddietx.

14.06 **Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart** Rapport Finanzjarju tat-Tieni kwart

Ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart kien approvat unanimament, bil-Kunsill Lokali tar-Rabat jinnota illi kien hemm *surplus* sal-



Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

aħħar ta' Ġunju, 2025 ta' €186,143. Il-vot ittieħed wara li ppropona s-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondat is-Sa Graziella Brincat.

14.07 **Talba għal refużjoni ta' spejjeż f'aċċident (Triq tal-Isqof)** Talba għal refużjoni ta' spejjeż

Ma kienetx diskussa u se tkun inkorporata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

14.08 **Talba għal refużjoni ta' spejjeż f'aċċident (Triq San Franġisk) Ian Cremona** Talba għal refużjoni ta' spejjeż

Ma kienetx diskussa u se tkun inkorporata fl-agenda tal-laqgħa li jmiss.

14.09 **Ġieħ (Jum ir-Rabat) 2025** Jum ir-Rabat 2025

Is-Sa Charmaine Balzan tat rendikont ta' f'hiex waslu l-preparamenti biex tkun tista' tittella' s-serata f'Jum ir-Rabat.
Kien ri-konfermat illi f'Jum ir-Rabat se jingħata Ġieħ ir-Rabat lil Fr Gerald Bonello, u rikonoxximenti lil Dorita Maniscalco, is- Surgent Daniela Micallef, lill-Iscouts, lill-Girl Guides u s-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippropona wkoll lis-Sur Edward Debono, il-persuna li żviluppa il-*latheral thinking*. Hu qal li dan mhux se jingħata Ġieħ ir-Rabat għaliex kien ġie nieqes u ma jikkwalifikax fl-istatut, madankollu din il-persuna għamlet isem internazzjonalment.

14.10 **Il-Proċess ta' possibilità ta' Ġemellaġġ ma' Solarino, ma' Assisi u L'Isle Adam fi Franza** Ġemellaġġi

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li l-Kunsill Lokali tar-Rabat kien diġa' beda jħejji biex isir ġemellaġġ ma' Solarino billi s-sena l-oħra delegazzjoni Rabtija marret Solarino u huma kienu ġew hawn. Hu qal li issa irċieva talba biex isir Ġemellaġġ ma' L'Isle Adam fi Franza filwaqt li hemm il-ħsieb li jiġi fostna s-Sindku ta' Assisi. Dwar dan tkellem is-Sur Rudolph Grima u qal li ġemellaġġ ieħor mal-Italja ma jagħmilx daqshekk sens meta aħna għandna diġa' wieħed ma' Tarquinia. Il-kunsillieri l-oħra madankollu ma kellhomx oġġezzjoni li jsir dan il-ġemellaġ. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li hu importanti ħafna li kull komunikat isir *thr'* l-Kunsill direttament u mhux minn xi għaqda. Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku, qal li kellmuh mill-ambaxxata ta' Spanja propjament fin-nofsinhar dwar il-possibilità ta' skambju permezz ta' *infiorata* li minbarra li din issir fir-Rabat, issir hemmhekk ukoll.

14.11 **L-istedina lis-Sindku t'Assisi fl-okkażjoni tal-Beatifikazzjoni tal-Beatu Carlo Acutis** Sindku ta' Assisi

Dwar l-istedina mil-Patrijiet ta' Ġiezu biex nilqgħu lis-Sindku ta' Assisi fl-okkazjoni tal-festa tal-Beatu Carlo Acutis ma kienx hemm oġġezzjoni.

14.12 **L-aċċettazzjoni tas-Sindku ta' Tarquinia għal Rabat Sacrum** Sindku ta' Tarquinia

Fl-iskeda tal-ordnijiet tax-xogħol kienet approvata l-ispiza ta' €100 kull jum għat-tliet persuni fid-delegazzjoni ta' Tarquinia. Dan biex ikunu jistgħu jiġu alloġġjati fil-Boutique Hotel bl-isem Howards li kienet l-aktar waħda irħisa mil-istimi li inġiebu. Il-mawra tagħhom fostna se tkun mid-19 sal-21 ta' Settembru, 2025. Se jkun qed jassisti id-delegazzjoni is-Sur Antonio ?????? li għandu l-liċenzja ta' gwida

14.13 **Proposta ta' isem ta' Triq viċin Triq it-Tut** Triq it-Tut

Dan is-suġġett se jerġa' jitla' fuq l-agenda tal-laqgħa li jmiss.

14.14 **Rabat Sacrum 2025** Rabat Sacrtum

Is-Sur Rudolph Grima ta rendikont ta' f'hiex waslu t-tħejjijiet tar-Rabat Sacrum 2025. Hu qal li hemm diversi punti li kienu magħluqin wara taħditiet fit-tul mal-għaqdiet eċċ.

14.15 **Każ ta' Raphael Carabott** Każ Sur Raphael Carabott

Dan is-suġġett (appell) se jitla' fuq l-agenda tal-laqgħa li jmiss.

14.16 **Restawr tal-istatwa ta' San Katald, niċċa ta' San Ġużepp u ta' Sant' Agata** Restawr

Is-Sindku spjega fit-tul u ġew esebiti d-diżinji u l-mapping tal-ġebel mittiekel tal-istatwa ta' San Katald li tinsab fil-Pjazza dedikata lilu, tan-niċċa ta' San Ġużepp li tinsab fil-faċċata tal-Knisja ta' Ġieżu u tal-*alto reliev* ta' Sant Agata li tinsab fil-bitħa tal-Katakombi ta' Sant Agata. Dan ix-xogħol (restoration method statement) sar mil-Perit Claude Borg. Dan ir-restawr se jkun sponsorjat mill-*Malta Tourism Authority*. Id-diskussjoni ssuktat fuq kemm hemm bżonn li statwi u niċeċ oħrajn issirilhom il-manutenzjoni fosthom in-niċċa ta' Triq Santu Wistin kantuniera ma' Triq Zondadari, dik l-arma fuq il-bieb tal-grotta ta' San Duminku eċċ. Intqal ukoll li hemm bżonn li nallokaw *budget* fis-sena għal din il-manutenzjoni u jekk hemm bżonn toħroġ tender.

14.17 **Devoluzzjoni tal-proprjeta li tmiss mal-Iscouts** Devoluzzjoni

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq id-devoluzzjoni tal-proprjetà li tinsab wara l-iscouts. Hu qal li din il-binja hija mportanti li tkun tagħna għaliex hemm il-ħsieb li nibnu garages u nevitaw li noqgħodu nikruhom biex indaħħlu l-vetturi tagħna. Il-Kunsill qabel unanimament mhux biss dwar dan is-sit, iżda wkoll biex nagħmlu użu billi jkunu devoluti it-terrani li jinsabu fi 16 u 39 Triq l-Isptar, biex jintużaw għal skopijiet komunali. Dwar dawn it-tnejn tal-aħħar se napplikaw mal-Awtorità tal-Artijiet u diġa' ġibna s-*site plan* mil-Lands Registry.

14.18 **Punti Oħra**



Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

| | | |
|---|---|---|
| 14.18.01 | Il-Clean Up li kienet skedata għal nhar l-1 ta' Settembru issa ġiet posposta għat-28 ta' Settembru, 2025 fit-8.00am, fid-Dwejra. It-talba se tkun magħmula lid-Dipartiment Gvern Lokali thr' ir-Reġjun Punent. | Clean Up 2025 |
| 14.18.02 | Is-Sur Nazju Cassar ippropona liu toħroġ it-tender tal-qtugħ tal-ħaxix ħażin u t-tindif iz-zona rurali. Is-Sa Charmaine Balzan issekondat. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Tender |
| 14.19 | **Aġġornament u d-data tal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.** Kien hemm ftehim illi l-Kunsill Lokali tar-Rabat jiltaqa' nhar is-17 ta' Settembru, 2025 fil-5.30pm filwaqt li din il-laqgħa ntemmet fit-20.30pm | Aġġornamen t |

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 17 ta' Settembru 2025 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku



Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt